MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Numru. 98/2009

**Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**vs**
**Carl Bonnici**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Carl Bonnici ta’ 30 sena, iben Gaetano u Rose nee’ Cassar, imwieled Pieta’ nhar l-20 ta’ Settembru 1978 u residenti 5, Sqaq San Anard, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 479478(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Nhar il-5 ta’ Frar, 2009 bejn it-08 :30hrs u is-18 :00hrs gewwa ir-restaurant bl-isem ta’ Morning Star li jinsab gewwa l-Bajja ta’ San Tumas Marsaskala bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Millicent Zammit kontra il-volonta taghha.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna li haddiehor biza li ser tintuza vjolenza, meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar ta' ghamla Browning serial number FN6988923 kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-ghata taghha

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi spara l-imsemmija arma tan-nar waqt li kien inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew zona abitata ohra, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq principali jew arterjali.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar, jew munizzjon minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall Millicent Zammit u kkagunalu griehi ta' natura hafifa.

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'diversi atti u b'diversi mezzi differenti hedded lil Millicent Zammit minn Luqa.

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkawza hsara volontarja fuq mobile phone li l-valur tieghu ma jeccedix il-116.47 Euro (Lm50) ghad-dannu ta' Millicent Zammit

9. Fl-ahhar nett akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D datata 13 ta' Marzu 2006 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk

kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 10 ta' Settembru 2012 (esebita a fol. 202 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 86, 87(c), 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikoli 18 u 251(B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikoli 3(a), 4, 5(1), 41, 51, 55, 56, 57, 58 u l-iskeda III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) fl-artikoli 18(2)(a), tas-S.L. 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(e) fl-artikoli 18 u 64(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(f) fl-artikoli 214, 215, 217 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(g) fl-artikoli 339(1)(b)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(h) fl-artikoli 18, 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(i) fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(j) fl-artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(k) fl-artikoli 17, 23, 23B, 30, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-15 ta' Frar 2013, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi

trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-15 ta’ Frar 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u kif ukoll kkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tal-10 ta’ Settembru 2012 u senjatament l-artikoli 86, 87(c), 88, 18 u 251(B), 64(1) 214, 215, 217, 221, 339(1)(b)(e), 325(1)(c), 49, 50, 382A, 383, 384, 385, 412C, 17, 23, 23B, 30, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 18(2)(a), tas-S.L. 504.71 tal-Ligijiet ta’ Malta u 3(a), 4, 5(1), 41, 51, 55, 56, 57, 58 u l-iskeda III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ erba’(4) snin millum u tikkundannah multa ta’ mija u sittax-il ewro (€116).

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex fi zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-

somma ta’ mitejn u disghin ewro u centezmu (€290.01) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra tal-esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------